VERŻJONI ELETTRONIKA

Suppliment tal-Gazzetta tal-Gvern ta' Malta, Nru. 19,205, 4 ta' Frar, 2014
Taqsima B

A.L. 47 tal-2014

ATT DWAR IĊ-ĊITTADINANZA MALTIJA (KAP. 188)

Regolamenti tal-2014 dwar il-Programm tal-Investitur Individwali tar-Repubblika ta' Malta

BIS-SAĦĦA tas-setgħat mogħtija bl-artikoli 10(9)(b) u 24 tal-Att dwar iċ-Ċittadinanza Maltija, il-President ta' Malta għamel ir-regolamenti li ġejjin:-

1. It-titolu ta' dawn ir-regolamenti huwa r-Regolamenti tal-2014 dwar il-Programm tal-Investitur Individwali tar-Repubblika ta' Malta. Titolu.

2. F'dawn ir-regolamenti, sakemm ir-rabta tal-kliem ma teħtieġx xort'oħra - Tifsir.

"Aġent Approvat" tfisser ditta ta' awdituri, ditta ta' avukati, ditta li tagħti pariri finanzjarji, ditta li taġixxi ta' intermedjarju, jew kull persuna jew korp ieħor li fi kwalunkwe każ ikun ġie awtorizzat li jagħmel ix-xogħol ta' ditta intermedjarja minn Identità Malta għall-finijiet ta' dawn ir-regolamenti;

"applikant" tfisser il-persuna li tapplika jew li f'isimha qed jiġi applikat għan-naturalizzazzjoni tagħha bħala ċittadin ta' Malta taħt il-programm dwar investitur individwali kemm bħala applikant ewlieni jew bħala dipendenti;

"applikant ewlieni" tfisser il-persuna li tkun, kemm bħala applikant waħedha jew bħala kap ta' familja, li tintrabat biex tagħmel kontribuzzjoni għall-finijiet ta' dawn ir-regolamenti u li tiffirma l-ftehimu impenni rilevanti f'isem id-dipendenti tagħha;

"applikazzjoni" tfisser applikazzjoni magħmula taħt dawn ir-regolamenti;

"Att" tfisser l-Att dwar iċ-Ċittadinanza Maltija; Kap. 188.

"ċertifikat tal-pulizija" tfisser ċertifikat ta' kondotta, rapport jew dikjarazzjoni minn awtorità tal-infurzar tal-liġi nazzjonali jew minn awtorità pubblika oħra li hija inkarigata mill-fedini penali fuq l-istatus tal-fedini penali tal-applikant;

"dipendenti" tfisser:

(a) il-konjuġi tal-applikant ewlieni fi żwieġ monogamu jew f'relazzjoni oħra li għandha l-istess status jew status simili għal dak ta' żwieġ, sakemm il-Ministru ma jawtorizzax mod ieħor fuq bażi ta' każ b'każ;

(b) tfal, inklużi tfal adottati, tal-applikant ewlieni jew tal-konjuġi tiegħu li għandhom inqas minn tmintax-il sena;

(ċ) tfal tal-applikant ewlieni jew tal-konjuġi tiegħu li għandhom bejn it-tmintax u s-sitta u għoxrin sena li ma jkunux miżżewġa u li jipprovaw għas-sodisfazzjon tal-Ministru li huma mantnuti kompletament mill-applikant ewlieni;

(d) ġenitur jew in-nanniet tal-applikant ewlieni jew tal-konjuġi tiegħu li għandhom aktar minn ħamsa u ħamsin sena li jipprovaw għas-sodisfazzjon tal-Ministru, li huma mantnuti jew sostnuti kompletament mill-applikant ewlieni u li jifformaw parti mill-familja tal-applikant ewlieni; jew

(e) tfal tal-applikant ewlieni jew tal-konjuġi tal-applikant ewlieni li għandhom tal-inqas tmintax-il sena, huma fiżikament jew mentalment diżabbli, u jgħixu ma' u huma mantnuti kompletament mill-applikant ewlieni:

Iżda dawn il-persuni għandu jkollhom il-kapaċità li jieħdu ġurament ta' lealtà;

"Fond għall-Iżvilupp Nazzjonali u Soċjali" tfisser il-fond stabbilit mill-Gvern ta' Malta biex jirċievi il-kontribuzzjonijiet;

"ħlas li ma jingħatax lura" tfisser il-parti mill-kontribuzzjoni imħallsa bil-quddiem meta tkun qed tiġi sottomessa l-applikazzjoni;

"ħtiġiet fl-applikazzjoni" tfisser il-ħtiġiet formali u sostanzjali li kull applikant irid jissodisfa, kif stabbiliti f'dawn ir-regolamenti;

L.S. 497.07 "Identità Malta" tfisser l-aġenzija stabbilita bl-Ordni li Jwaqqaf l-Aġenzija Identità Malta;

"konċessjonarju" tfisser l-entità li tkun ingħatat kuntratt ta' konċessjoni ta' servizz pubbliku sabiex tiddiżinja, timplimenta, tamministra, topera, u tippromwovi l-programm, jew xi sussidjarja ta' dik l-entità, debitament awtorizzata mill-kuntratt dwar konċessjoni ta' servizz pubbliku;

"konċessjoni ta' servizz pubbliku" tfisser il-konċessjoni ta' servizz pubbliku mogħtija lill-konċessonarju sabiex jiddiżinja, jimplimenta, jamministra, jopera u jippromwovi l-programm;

"kontribuzzjoni" tfisser kontribuzzjoni mħallsa skont dawn ir-regolamenti illi sebghin fil-mija minnha għandha titħallas lill-Fond għall-Iżvilupp Nazzjonali u Soċjali, skont dawn ir-regolamenti;

"kopja ċċertifikata" tfisser fotokopja ta' dokument oriġinali ċċertifikata minn avukat jew nutar pubbliku debitament liċenzjati jew minn uffiċjal konsulari jew diplomatiku Malti jew minn uffiċjal anzjan tal-konċessjonarju bħala li tkun vera kopja tal-oriġinali;

"Ministru" għandha l-istess tifsira mogħti lilha fl-Att;

"programm" tfisser il-Programm ta' Investitur Individwali tar-Repubblika ta' Malta;

"traduzzjoni awtentikata" tfisser traduzzjoni li tkun saret kemm minn traduttur professjonali li jkun uffiċjalment akkredidat ma' qorti tal-ġustizzja, aġenzija tal-gvern, organizzazzjoni internazzjonali, jew minn istituzzjoni uffiċjali simili, jew f'każ illi issir f'pajjiż fejn m'hemmx tradutturi akkreditati uffiċjalment, traduzzjoni magħmula minn kumpannija, li l-irwol jew in-negozju tagħha ikun ta' servizzi ta' traduzzjoni professjonali.

Twaqqif tal-Programm ta' Investitur Individwali.

3. (1) B'dan huwa stabbilit programm li għandu jkun magħruf bħala "Il-Programm ta' Investitur Individwali tar-Repubblika ta' Malta", li għandu jippermetti li tingħata ċittadinanza b'ċertifikat ta' naturalizzazzjoni lill-persuni barranin u l-familji tagħhom li jikkontribwixxu għall-iżvilupp ekonomiku ta' Malta, kif provdut f'dawn ir-regolamenti.

(2) It-tħaddim tal-programm għandu jitwettaq mill-konċessjonarju.

(3) L-Aġenti Approvati għandu jkollhom liċenza li tinħareġ minn Identità Malta wara li tkun wettqet proċess ta' *due diligence* dwarhom. Huma jkollhom il-jedd li jintroduċu applikanti prospettivi lil Identità Malta.

(4) L-Aġenti Approvati għandhom ihallsu dritt tal-liċenza ta' kull sena u għandhom jimxu mal-kundizzjonijiet tal-liċenza tagħhom.

(5) Identità Malta jkollha l-jedd illi tirtira liċenza maħruġa lil Aġent Approvat jekk, wara investigazzjoni kif jixraq, tkun sodisfatta illi:

(a) l-Aġent Approvat ikun ġab ruħu b'mod mhux etiku jew mhux professjonali u jkun ippreġudika l-programm b'mod sostanzjali; jew

(b) l-Aġent Approvat ikun ikkommetta ksur serju ta' linji ta' gwida, kodiċijiet ta' kondotta jew kodiċijiet ta' etika maħruġa minn Identità Malta minn żmien għal żmien u li jkunu speċifikament magħmula applikabbli lill-Aġenti Approvati.

Kwalifiki u ħtiġiet ġenerali.

4. (1) Il-kwalifiki u l-ħtiġiet ġenerali biex persuna tkun applikant ewlieni għaċ-ċittadinanza taħt il-progamm ikunu li kull tali persuna:

(a) għandha tal-anqas tmintax-il sena;

(b) tipproponi li tagħmel kontribuzzjoni kif stabbilit fl-Iskeda;

(ċ) tissodisfa l-ħtiġiet tal-applikazzjoni;

(d) tintrabat li tipprovdi prova ta' residenza f'Malta, u li tipprovdi prova ta' titolu fuq proprjetà residenzjali f'Malta kif provdut f'dawn ir-regolamenti;

(e) tintrabat li tinvesti, fost ohrajn, f'dawk l-i*stocks*, *bonds*, *debentures special purpose vehicles* jew li tagħmel investimenti oħra kif Identità Malta tipprovdi minn żmien għal żmien b'avviż fil-Gazzetta:

Kap. 123.

Iżda l-benefiċjarji tal-Programm ta' Residenza Globali provdut taħt l-Att dwar it-Taxxa fuq l-*Income* għandhom jitħallew japplikaw għall-Programm ta' Investitur Individwali salv illi jkunu jissoddisfaw il-ħtiġiet addizzjonali għall-eliġibilità għall-programm.

L.S. 188.01

(2) Applikazzjonijiet għandhom isiru fuq il-formuli preskritti taħt ir-Regolamenti dwar iċ-Ċittadinanza u għandu jkollhom magħhom id-drittijiet preskritti ta' *due diligence* u d-drittijiet li jitħallsu lill-bank, kif speċifikat fl-Iskeda, u għandhom jinkludu wkoll l-oriġinali jew kopji ċertifikati ta' dawn li ġejjin:

(a) ċertifikat fuq il-formula preskritta minn Identità Malta minn sistema tas-saħħa ta' reputazzjoni tajba għas-sodisfazzjon ta' Identità Malta illi l-applikant ewlieni u d-dipendenti tiegħu ma jbatux minn mard li jittieħed u li jinsabu mill-bqija fi stat ta' saħħa tajjeb;

(b) ċertifikat jew ċertifikati tal-pulizija li jistgħu iżda jiġu sottomessi sussegwentament f'data aktar tard, imma li f'kull każ tiġi qabel ma tkun approvata l-applikazzjoni;

(ċ) prova permezz ta' proċessi ta' *due diligence* illi l-applikant ewlieni u d-dipendenti tiegħu huma persuni xierqa u f'lokhom biex ikollhom iċ-ċittadinanza Maltija;

(d) obbligazzjoni li jitħallas l-ammont sħiħ tal-kontribuzzjoni meħtieġa li jkun imnaqqas bl-ammont tal-ħlas li ma jingħatax lura li jkun diġà sar fiż-żmien meta tkun ġiet sottomessa l-applikazzjoni, bl-ammont speċifikat fl-Iskeda meta ssir sejħa għal dan il-għan minn Identità Malta;

(e) obbligazzjoni li jixtri jew jikri proprjetà immobbli residenzjali f'Malta skont dawn ir-regolamenti;

(f) obbligazzjoni illi jaghmel dawk l-investimenti oħra f'Malta skont dawn ir-regolamenti; u

(g) kull dokument ieħor kif jista' jintalab minn żmien għal żmien permezz ta' avviż maħruġ minn Identità Malta.

(3) L-applikazzjonijiet kollha għandhom jiġu sottomessi mill-applikant ewlieni lil Identità Malta jew permezz tal-Aġenti Approvati jew permezz tal-konċessjonarju.

(4) Il-formuli tal-applikazzjoni u d-dokumenti ta' magħhom għandhom jintlew bl-Ingliż jew, jekk il-lingwa oriġinali tad-dokument ma tkunx l-Ingliż, id-dokument għandu jkollu miegħu traduzzjoni awtentikata.

(5) L-applikant ewlieni għandu, bl-eċċezzjoni tal-konjuġi, jipprovdi affidavit dwar sostenn ta' kull dipendenti li jkollu aktar minn tmintax-il sena.

(6) Kull formula tal-applikazzjoni għandha tiġi mimlija mill-applikant u f'każ li l-applikant ma jkunx jista' jimla l-formuli hu personalment, il-formuli għandhom jimtlew minn rappreżentant legali u jiġu ffirmati minn kull wieħed mill-applikanti.

(7) Il-kondizzjonijiet li ġejjin għandhom japplikaw għad-dipendenti li għandhom inqas minn tmintax-il sena:

(a) il-formuli għandhom jiġu ffirmati miż-żewġ ġenituri għan-nom tad-dipendenti; u

(b) fil-każ li ġenitur wieħed ikollu l-kustodja ewlenija

ta' dipendenti, jew persuna oħra jkollha kustodja legali ta' dipendenti, għandhom jiġu provduti dokumenti legali xierqa sabiex jiġi muri li ġiet dekretata kustodja ewlenija jew kustodja legali minn qorti tal-ġustizzja jew awtorità rilevanti oħra.

(8) F'każ li applikant jagħmel dikjarazzjoni falza jew iħalli barra xi informazzjoni mitluba, dik l-applikazzjoni tista' tiġi miċħuda ukoll fuq dik ir-raġuni biss.

(9) L-applikazzjonijiet għandhom ikunu aċċettati u proċessati biss bil-kundizzjoni li l-formuli kollha jkunu mtlew kif suppost u jkunu ġew iddatati, iffirmati u jkollhom magħhom id-dokumenti u d-drittijiet kollha meħtieġa kif ukoll obbligazzjoni, inkluża, iżda mhux biss, biex il-kontribuzzjoni meħtieġa tintbagħat, kif mitlub minn Identità Malta, wara l-approvazzjoni tal-applikazzjoni fil-prinċipju:

Iżda ċ-ċertifikati tal-pulizija jistgħu jiġu sottomessi f'data sussegwenti sakemm jiġu sottomessi qabel ma l-applikazzjoni tkun approvata.

Kriterji ta' eleġibilità.

5. B'żieda mal-kwalifiki u l-ħtiġiet ġenerali stabbiliti fir-regolament 4, il-kriterji minimi ta' eleġibilità għal applikazzjoni skont il-programm, għall-applikant u kull wieħed mid-dipendenti tiegħu, għandhom ikunu kif ġej:

(a) verifika xierqa dwar l-applikant kif ukoll dwar id-dipendenti tiegħu li jkollhom aktar minn tnax-il sena, skont il-każ;

(b) ċertifikat tal-pulizija maħruġ mill-Pulizija ta' Malta kif ukoll ċertifikat tal-pulizija maħruġ mill-awtoritajiet kompetenti fil-pajjiż ta' oriġini u fil-pajjiż jew pajjiżi ta' residenza fejn l-applikant ikun irrisjeda għal perjodu ta' aktar minn sitt xhur matul l-aħħar għaxar snin, jew f'każijiet eċċezzjonali fejn ikun ippruvat għas-sodisfazzjon ta' Identità Malta li ċertifikat bħal dak ma jkunx jista' jinkiseb, affidavit maħluf magħmul mill-applikant u minn kull dipendenti fejn jiddikjaraw li jkollhom fedina penali nadifa;

(ċ) l-applikant u, jew xi wieħed mid-dipendenti tiegħu li ma jkunux persuni li f'xi żmien kienu akkużati quddiem Qorti Kriminali Internazzjonali jew f'xi żmien dehru quddiem Qorti Kriminali Internazzjonali, kemm jekk il-persuni jkunu nstabu ħatja jew xort'oħra minn dik il-Qorti;

(d) l-applikant u, jew xi wieħed mid-dipendenti tiegħu, ma jkunux persuni elenkati mal-Organizzazzjoni tal-Pulizija dwar Kriminalità Internazzjonali (INTERPOL) fiż-żmien li tkun

qed tiġi sottomessa l-applikazzjoni;

(e) l-applikant u, jew xi wieħed mid-dipendenti tiegħu, ma jkunx, jew x'aktarx ma jkunx, ta' theddida potenzjali għas-sigurtà nazzjonali, għall-ordni pubbliku jew għas-saħħa pubblika;

(f) l-applikant u, jew xi wieħed mid-dipendenti tiegħu ma jkunux individwi li, f'xi żmien kellhom akkużi pendenti ta' reati relatati ma' terroriżmu, il-*money laundering*, il-finanzjament ta' terroriżmu, reati kontra l-umanità, delitti tal-gwerra, jew reati li jiksru l-Protezzjoni tad-Drittijiet tal-Bniedem u tal-Libertajiet Fundamentali stabbiliti fil-Konvenzjoni Ewropea dwar id-Drittijiet tal-Bniedem jew li nstab ħati ta' tali reati;

(g) l-applikant u, jew xi wieħed mid-dipendenti tiegħu ma jkunux individwi li jkunu nstabu ħatja jew jinsabu akkużati rigward xi reati kriminali kontra l-bon-ordni tal-familja, liema reati kriminali jinkludu, iżda mhux limitati għal dawn li ġejjin:

(i) pedofelija,

(ii) korruzzjoni ta' minorenni,

(iii) stupru,

(iv) attentat vjolenti għall-pudur,

(v) tħajjir ta' persuni taħt l-età għall-prostituzzjoni, u

(vi) ħtif ta' persuni;

(h) l-applikant u, jew xi wieħed mid-dipendenti tiegħu ma jkunux individwi li f'xi żmien instabu ħatja, jew fiż-żmien li tkun qed tiġi sottomessa l-applikazzjoni, qed jiġu interrogati u suspettati, jew għandhom akkużi kriminali miġjuba kontrihom għal xi reat kriminali barra minn reat involontarju, punibbli b'sentenza ta' priġunerija għal aktar minn sena. L-applikant għandu jehmeż mal-applikazzjoni tiegħu ġurament li jkun ħa quddiem kummissarju b'setgħa li jagħti ġurament, avukat jew nutar pubbliku fejn jiddikjara li dik l-informazzjoni li pprovda hija vera u korretta;

(i) meta dokument jinħtieġ li jiġi provdut taħt dawn ir-regolamenti flimkien ma' applikazzjoni:

(i) dak id-dokument għandu jkun dokument oriġinali u f'każ li ma jkunx oriġinali, għandu jkun kopja ċertifikata; u

(ii) il-persuna li tiċċertifika d-dokument għandha tipprovdi l-isem sħiħ, il-kariga li fiha l-persuna qed taġixxi, indirizz residenzjali jew tan-negozju, numru tat-telefon, u indirizz elettroniku.

Applikanti mhux eliġibbli.

6. Applikant li -

(a) jkun ipprovda informazzjoni falza fl-applikazzjoni tiegħu;

(b) għandu rekord kriminali;

(ċ) huwa soġġett għall-investigazzjoni kriminali;

(d) huwa potenzjalment ta' theddida kontra s-sigurtà nazzjonali ta' Malta;

(e) huwa, jew jista' jkun, involut f'xi attività li tagħti isem ħażin lil Malta; jew

(f) ma tkunx inħarġitlu viża għal pajjiż li Malta jkollha arranġamenti ta' vjaġġar li ma jkunx hemm il-ħtieġa ta' viża u li sussegwentement ma jkunx kiseb viża għal pajjiż li jkun ħareġ iċ-ċaħda,

m'għandux ikun approvat għaċ-cittadinanza taħt il-programm, sakemm Identità Malta tkun sodisfatta li l-applikant huwa xorta waħda xieraq li jiġi kkunsidrat għall-approvazzjoni minħabba f'ċirkostanzi speċjali li għandhom jiġu murija mill-applikant. F'dan il-każ, Identità Malta għandha tagħti opinjoni, bir-raġunijiet għaliha, għaliex dak l-applikant għandu jibqa' jiġi kkunsidrat sabiex jiġi approvat u Identità Malta għandha tirreferi dik l-applikazzjoni lill-Ministru li għandu l-awtorità waħdanija li jagħti approvazzjoni bħal din.

Il-proċess ta' applikazzjoni.

7. (1) Kull applikazzjoni għandha tiġi preżentata lil Identità Malta u għandha tiġi eżaminata minnha direttament jew permezz tal-konċessjonarju.

(2) Identità Malta għandha direttament jew permezz tal-konċessjonarju tipprokura testijiet ta' *due diligence* li għandhom isiru minn aġent wieħed jew iżjed speċjalisti tad-*due diligence* li jkunu rikonoxxuti b'mod internazzjonali illi f'kull każ għandhom ikunu approvati minn Identità Malta, dwar kull applikant. Dawk il-verifiki

ta' *due diligence* ghandhom isiru fuq erba' livelli. Identità Malta għandha f'kull każ tkun responsabbli għat-twettiq kif jixraq ta' testijiet ta' *due diligence* u għandha wkoll twettaq testijiet ta' *due diligence* indipendentement mill-konċessjonarju.

(3) Meta avukat jew nutar pubbliku jiċċertifika li dokument huwa kopja vera tal-oriġinali, dak id-dokument għandu jiġi awtentikat bi -

(a) *apostille* skont id-dispożizzjonijiet tal-Konvenzjoni tal-Aja tal-5 ta' Ottubru 1961 dwar it-Tneħħija tal-Ħtieġa ta' Legalizzazzjoni fuq Dokumenti Pubbliċi Barranin, fil-każ ta' ġurisdizzjoni li hija parti f'dik il-Konvenzjoni; jew

(b) validazzjoni taċ-ċertifikat minn avukat jew nutar pubbliku mogħti mid-dipartiment kompetenti tal-gvern f'każ ta' ġurisdizzjoni li mhijiex parti f'dik il-Konvenzjoni; jew

(ċ) validazzjoni taċ-ċertifikat minn konslu jew rappreżentant diplomatiku Malti fil-każ ta' ġurisdizzjoni li mhijiex parti f'dik il-Konvenzjoni.

(4) Fi żmien disgħin jum mindu tiġi preżentata applikazzjoni għaċ-ċittadinanza, Identità Malta għandha tivverifika illi:

(a) l-applikazzjoni tkun ġiet ċertifikata bħala li tkun formalment korretta;

(b) l-informazzjoni kollha rilevanti pprovduta mill-applikant ġiet verifikata minn aġent indipendenti wieħed jew aktar li jipprovdu rapporti ta' *due diligence*;

(ċ) il-passat tal-applikant u d-dipendenti tiegħu, jekk applikabbli, ikun ġie verifikat minn aġent indipendenti wieħed jew aktar li jipprovdu rapporti ta' *due diligence*;

(d) id-drittijiet kollha meħtieġa dwar *due diligence*, passaport u ħlasijiet bankarji kif ukoll il-ħlas li ma jinghatax lura, kif definit fl-Iskeda akkont tal-kontribuzzjoni, ikunu tħallsu;

(e) is-sors tal-fondi kollha ġew ivverifikati; u

(f) saret valutazzjoni xierqa ta' riskju.

(5) Fi żmien tletin jum mid-data meta tintemm il-verifika imsemmija hawn fuq, Identità Malta għandha tirrevedi ulterjorment l-applikazzjoni li tkun ġiet sottomessa lilha, għandha twettaq aktar

indaġini kif jixraq dwar il-passat, jekk jidrilha li jkun meħtieġ, u għandha tavża bil-miktub lill-konċessjonarju u, fejn ikun applikabbli, lill-Aġent Approvat, skont l-istruzzjonijiet tal-Ministru, illi l-applikazzjoni tkun ġiet:

(a) approvata fil-prinċipju;

(b) rifjutata; jew

(ċ) ittardjata minħabba li tkun għadha qed tiġi proċessata:

Iżda fejn applikazzjoni tkun ġiet approvata fil-prinċipju skont il-paragrafu (a), Identità Malta għandha toħroġ Ittra ta' Approvazzjoni fil-Prinċipju lill-applikant ewlieni fejn tinformah illi huwa għandu jipprovdi:

(a) prova li l-applikant ewlieni u d-dipendenti tiegħu huma koperti minn polza ta' assikurazzjoni dinjija dwar saħħithom u illi huma jiddikjaraw illi huma f'qagħda li jżommu dik il-polza għal żmien indefinit;

(b) obbligazzjoni bil-miktub biex l-applikant ewlieni jew:

(i) jakkwista u jżomm proprjetà immobbli residenzjali f'Malta li bħala minimu jkollha valur ta' tlett mija u ħamsin elf euro (Euro 350,000); jew

(ii) jikri proprjetà immobbli residenzjali waħda f'Malta versu kera annwali ta' sittax-il elf euro (Euro 16,000):

Iżda ukoll, il-prova meħtieġa taħt dan is-subregolament għandha tingħata fi żmien erba' xhur mill-ħruġ tal-Ittra ta' Approvazzjoni fil-Prinċipju billi jiġi sottomess kuntratt ta' akkwist jew ta' kera tal-imsemmija proprjetà lil Identità Malta. Il-proprjetà li tkun ġiet akkwistata jew mikrija għall-iskop ta' dawn ir-regolamenti ma tkunx tista', wara li tkun ġiet akkwistata jew mikrija, tinkera jew tiġi sullokata, iżda dik il-proprjetà għandha tinżamm mill-applikant għal żmien ta' mill-inqas tlett snin mid-data tal-akkwist jew tal-kirja:

Iżda ukoll, meta l-applikant ikun akkwista jew kera proprjetà immobbli residenzjali skont dawn ir-regolamenti, huwa jkollu l-jedd illi jiddisponi mill-proprjetà jew li jittermina l-kirja dment illi jġib prova għas-sodisfazzjon ta' Identità Malta li huwa jkun akkwista jew kera proprjetà residenzjali oħra f'Malta li tkun tissoddisfa l-ħtiġiet stabbiliti f'dawn ir-regolamenti u ta' regolamenti

oħra rilevanti li jistgħu jkunu fis-seħħ minn żmien għal żmien u jobbliga ruħu li jżomm dik il-proprjetà sakemm jiskadi l-perjodu ta' tlett snin stabbilit f'dan is-subregolament.

(6) L-applikant ewlieni għandu jintrabat bil-miktub biex jagħmel dawk l-investimenti oħra f'Malta sa l-ammont ta' mija u ħamsin elf euro (EUR 150,000), fost oħrajn, f'dawk l-i*stocks*, *bonds*, *debentures*, *special purpose vehicles* jew mezzi oħra ta' investiment kif tidentifika Identità Malta minn żmien għal żmien b'avviż fil-Gazzetta u li jżomm dawk l-investimenti għal perijodu ta' mill-inqas ħames snin:

Iżda l-prova meħtieġa taħt dan is-subregolament għandha tingħieb fi żmien erba' xhur minn meta toħroġ l-Ittra ta' Approvazzjoni fil-Prinċipju billi tingħata lil Identità Malta l-prova illi l-imsemmija investimenti jkunu saru.

(7) Intervista personali mal-applikant m'għandhiex tkun ħtieġa mandatorja iżda tista' tkun rakkommandata mill-konċessjonarju u, jew ikkunsidrata minn Identità Malta, fuq bażi ta' każ b'każ. Il-proċeduri applikabbli għall-intervisti personali għandhom jiġu stabbiliti minn Identità Malta.

(8) Fi żmien ħamest ijiem mill-approvazzjoni fil-prinċipju taħt is-subregolament (5)(a), l-applikant ewlieni għandu jingħata istruzzjonijiet li jibgħat il-kontribuzzjoni li minnha jkun tnaqqas l-ammont tal-pagament li ma jingħatax lura li jkun diġà ġie riċevut, li għandu jiġi riċevut fi żmien għoxrin jum minn meta jingħataw dawk l-istruzzjonijiet. Malli tirċievi l-kontribuzzjoni mnaqqsa bl-ammont tal-pagament li ma jinghatax lura, Identità Malta għandha sakemm il-kundizzjonijiet tal-Ittra tal-Approvazzjoni fil-Prinċipju ikunu ġew sodisfatti, tavża lill-Ministru biex joħroġ ċertifikat ta' naturalizazzjoni.

(9) Fi żmien sentejn iżda mhux inqas minn sitt xhur mid-data tal-applikazzjoni u suġġett għal verifika li l-kundizzjonijiet tal-Ittra ta' Approvazzjoni fil-Prinċipju jkunu ġew sodisfatti kif stipulat fis-subregolament (8), il-Ministru għandu, sakemm il-kundizzjonijiet ta' dawn ir-regolamenti ikunu għadhom sodisfatti, joħroġ ċertifikat ta' naturalizazzjoni f'isem l-applikant bla ħsara għas-subregolament (11).

(10) Fi żmien ħamest ijiem mill-ħruġ ta' tali ċertifikati, il-konċessjonarju għandu jikkompleta t-trasferiment tal-fondi meħtieġa lil Identità Malta u għandu jżomm l-ammont dovut lill-konċessjonarju. Malli tircievi l-kontribuzzjoni Identità Malta għandha tħallas sebgħin fil-mija minnha lill-Fond għall-Iżvilupp Nazzjonali u

Soċjali u għandha tħallas il-kumplament taghha fil-Fond Konsolidat.

(11) Iċ-ċertifikat ta' naturalizzazzjoni għandu biss jiġi effettiv u jiġi disponibbli lill-applikant, u l-applikazzjoni għall-passport tista' titmexxa biss, wara li l-applikant ikun ħa l-ġurament ta' lealtà.

(12) Ebda ċertifikat ta' naturalizzazzjoni taħt dawn ir-regolamenti ma għandu jinħareġ sakemm l-applikant ewlieni ma jipprovdix prova li huwa kien residenti f'Malta għal żmien ta' mill-inqas tnax il-xahar qabel il-jum tal-ħruġ taċ-ċertifikat ta' naturalizzazzjoni.

Rifużjoni ta' drittijiet u ta' kontribuzjonijiet.

8. (1) Id-drittijiet għad-*due diligence* u l-ispejjeż tal-bank ma jistgħux jingħataw lura.

(2) Il-bilanċ tal-kontribuzzjoni, ġaladarba jkun ġie riċevut f'Malta, ma jistax jingħata lura wara li l-Ittra tal-Approvazzjoni fil-Prinċipju tkun diġà ħarġet.

(3) Id-drittijiet tal-passaport jistgħu jingħataw lura fil-każ li ma tkunx saret applikazzjoni għal passaport.

Tixrid ta' informazzjoni.

9. (1) L-ebda persuna, ħlief Identità Malta jew il-konċessjonarju jew Aġent Approvat, ma għandha, għal gwadan u mingħajr ma tkun debitament awtorizzata, tirreklama, tippubblika jew ixxerred pubblikament, b'kull mezz, ikun li jkun, informazzjoni relatata mal-programm:

Iżda Aġent Approvat għandu jirreklama, jippubblika jew ixerred pubblikament informazzjoni relatata mal-programmi biss fl-osservanza stretta ta' linji ta' gwida maħruġa minn żmien għal żmien minn Identità Malta.

Privazzjoni ta' ċittadinanza.

10. Bla ħsara għad-dispożizzjonijiet tal-artikolu 14 tal-Att, il-Ministru għandu jitqies illi fil-każijiet kollha ikun irriserva d-dritt li jippriva miċ-ċittadinanza Maltija lil persuna li tkun ingħatat dik iċ-ċittadinanza taħt il-programm jekk applikant li jkun ingħata ċ-ċittadinanza jonqos milli jħares xi ħtieġa illi jikri, jixtri jew iżomm għandu proprjetà f'Malta jew li jagħmel u jżomm investimenti f'Malta kif stabbilit f'dawn ir-regolamenti jew ikun sar theddida għas-sigurtà nazzjonali jew ikun involut f'imġiba li tkun tippreġudika serjament l-interessi vitali ta' Malta. F'dawk il-każijiet il-proċedura għall-privazzjoni taċ-ċittadinanza stipulata fl-artikolu 14 tal-Att u f'kull regolamenti magħmula taħt l-Att dwar tali privazzjoni, għandhom japplikaw *mutatis mutandis*.

Formuli u linji gwida ta' proċedura.

11. Identità Malta għandha, minn żmien għal żmien, toħroġ linji gwida ta' proċedura, sabiex tispeċifika l-aspetti operattivi u

interpretazzjonijiet taħt dawn ir-regolament.

Ammont massimu ta' ammissjonijiet.

12. In-numru ta' applikanti ewlenin aċċettati, mingħajr ma jitqiesu d-dipendenti, m'għandux ikun aktar minn elf u tmien mija għaż-żmien kollu li għalih idum il-programm.

Fond ta' Żvilupp Nazzjonali u Soċjali.

13. (1) Għandu jkun hemm fond li jkun magħruf bħala l-Fond ta' Żvilupp Nazzjonali u Soċjali illi fih għandhom jitħallsu sebgħin fil-mija tal-kontribuzzjonijiet li jiġu riċevuti taħt il-programm.

(2) Il-fondi riċevuti mill-Fond ta' Żvilupp Nazzjonali u Soċjali għandhom jintużaw fl-interess pubbliku *inter alia* għall-avvanz tal-edukazzjoni, ir-riċerka, l-innovazzjoni, għanijiet soċjali, il-ġustizzja u l-istat tad-dritt, inizjattivi tal-impjieg, l-ambjent u s-saħħa pubblika.

(3) Il-Fond għandu jkollu personalità ġuridika separata u jista' ukoll jiġi sussegwentement stabbilit bħala fondazzjoni, *trust* jew fil-forma ta' persuna ġuridika oħra kif il-Ministru jista' jiddetermina minn żmien għal żmien.

(4) Il-Fond għandu jkun amministrat minn Bord ta' Gvernaturi li jkun magħmul minn ħames membri li minnhom wieħed ikun ic-*Chairman* u ieħor ikun id-Deputat *Chairman* li għandhom jinħatru mill-Prim Ministru.

(5) Il-Bord ta' Gvernaturi tal-Fond ikun responsabbli biex jiżgura l-ogħla livell ta' governanza tal-Fond u illi l-fondi miżmuma fil-Fond jintużaw biss għal skopijiet intiżi fuq imsemmija.

(6) Il-Fond għandu jippubblika l-kontijiet verifikati tiegħu kull sena u għandu jirrapporta lill-Ministru responsabbli għall-Finanzi dwar l-attivitajiet tiegħu hekk kif dak il-Ministru jista' jinħtieġ iżda f'kull każ mhux anqas minn darba fis-sena. Il-kontijiet verifikati u r-rapport annwali tal-Fond għandhom jitqegħdu fuq il-mejda tal-Kamra tad-Deputati mill-Ministru responsabbli għall-Finanzi.

(7) Il-Fond ikun soġġett għall-verifika mill-Awditur Ġenerali.

Svelar.

14. (1) Il-programm għandu jitmexxa bl-akbar konsiderazzjoni għall-obbligi internazzjonali ta' Malta u għall-preservazzjoni tar-reputazzjoni tajba ta' Malta bħala ċentru finanzjarju ta' denn, trasparenti u ta' reputazzjoni u bħala ġurisdizzjoni għall-kummerċ internazzjonali.

(2) Il-Ministru għandu ta' kull sena jippubblika fil-Gazzetta l-ismijiet tal-persuni kollha illi matul it-tnax-il xahar kalendarji ta' qabel ikunu ingħataw iċ-ċittadinanza Maltija b'reġistrazzjoni jew

b’naturalizazzjoni, inklużi dawk il-persuni illi jkunu ingħataw iċ-ċittadinanza Maltija taħt il-programm.

Drittijiet.

15. (1) Id-drittijiet kif stabbiliti fl-Iskeda għandhom jitħallsu għall-materji hemm rispettivament speċifikati.

Kap. 35.

(2) Id-dispożizzjonijiet tal-Ordinanza dwar id-Drittijiet għandhom japplikaw għad-drittijiet stabbiliti fl-Iskeda bħallikieku kienu drittijiet preskritti taħt l-imsemmija Ordinanza.

Revoka tal-A.L. 450 tal-2013.

16. Ir-Regolamenti tal-2013 dwar il-Programm tal-Investitur Individwali tar-Repubblika ta’ Malta huma b’dawn revokati.

B 339

SKEDA

Ħtiġiet tal-Kontribuzzjonijiet u Skeda tad-Drittijiet

1. Ħtiġiet tal-Kontribuzzjonijiet

Il-kontribuzzjonijiet li ġejjin għandhom jinħtieġu bħala l-minimu sabiex persuna tikkwalifika għaċ-ċittadinanza taħt il-programm:

(a) applikant ewlieni: 650,000 euro (sitt mija u ħamsin elf euro), li minnhom ħlas ta' 10,000 euro (għaxart elef euro) li ma jingħatax lura għandu jingħata bħala depożitu li ma jingħatax lura qabel is-sottomissjoni tal-applikazzjoni;

(b) konjuġi: 25,000 euro (ħamsa u għoxrin elf euro);

(ċ) għal kull wild taħt it-18-il sena: 25,000 euro (ħamsa u għoxrin elf euro);

(d) għal kull wild mhux miżżewweġ bejn it-18 u l-26 sena: 50,000 euro (ħamsin elf euro);

(e) għal kull ġenitur dipendenti li għandu aktar minn 55 sena: 50,000 euro (ħamsin elf euro).

2. Skeda tad-Drittijiet

Id-drittijiet li ġejjin għandhom jitħallsu ma' kull applikazzjoni:

(1) Drittijiet ta' *due diligence*:

(a) applikant ewlieni: 7,500 euro (sebat elef u ħames mitt euro);

(b) konjuġi: 5,000 euro (ħamest elef euro);

(ċ) għal kull wild ta' bejn it-13-il sena u t-18-il sena: 3,000 euro (tliet elef euro);

(d) għal kull wild dipendenti mhux miżżewweġ li għandu bejn it-18 u l-26 sena matul is-sena li ssir l-applikazzjoni: 5,000 euro (ħamest elef euro);

(e) għal kull ġenitur dipendenti li għandu aktar minn 55 sena: 5,000 euro (ħamest elef euro).

(2) Drittijiet tal-Passaporti u spejjeż tal-bank

(a) Passaport: 500 euro (ħames mitt euro) kull persuna;

(b) Spejjeż tal-Bank: 200 euro (mitejn euro) għal kull applikazzjoni

(3) Il-ħtiġiet tal-kontribuzzjoni u d-drittijiet stipulati f'din l-Iskeda għandhom japplikaw fir-rigward ta' applikazzjonijiet u għotjiet ta' ċittadinanza taħt il-programm minkejja d-dispożizzjonijiet ta' xi regolamenti oħra.